MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 248/2011

**A B**

vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta’ Novembru tas-sena elfejn (2000) (Dok A anness) u minn relazzjoni li kellhom flimkien, qabel dan iz-zwieg huma kellhom tifla, Kimberly li llum ghandha erbatax-il sena;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sbatax (17) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), u li l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt (Dok B anness), awtorizzat mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fl-erbatax (14) ta’ Marzu elfejn u sitta (2006);

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn hames snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;
4. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness (Dok B), l-intimat hu obbligat li jhallas is-somma ta' mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76) fix-xahar bhala manteniment ghal bintu minuri u huwa qatt ma kien inadempjenti;
5. Illi skond l-istess kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu il-manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat f'dawn ic-cirkostanzi ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex fiz-zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom separati legalment mis-17 ta' Marzu 2006 meta isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Marzu 2006;

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi l-partijiet xehdu illi r-ragel qieghed jghaddi manteniment b'mod regolari ghat-tifla minuri;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------